MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1165/1998/1

**A**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Mejju 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu f'Settembru 1982 u minn dak iz-zwieg twieldu erba' t'itfal ilkoll minuri Jason ta' 14-il sena, Jordan ta' 11-il sena, Jeremy ta' 10 snin u Julian ta' 7 snin.
Illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' eccessi theddid mohqrija ngurji gravi w adulterju b'mod li rrenda l-hajja konjugali mpossibbli.

Illi issa tkisser irrimedjabbilmanet .
Illi b'digriet mghoti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 1997 (digriet numru 1455/97) l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni personali.
Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:
1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tort unikament tal-konvenut;
2. Tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri Jason, Jordan, Jeremy u Julian f'idejn l-attrici;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja li joghgobha tiffissa ghaliha u ghall-minuri fuq imsemmija;
4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;
5. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti li tinqasam f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li jekk ikun il-kaz il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg kienu saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici.
6. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kontemplati fl-**artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
Bl-ispejjez kontra l-konvenut mill-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-19 t’April 1999 a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, l-irritwalita` u l-intempestivita` tac-citazzjoni attrici *stante* illi ma gietx prezentata *entro* t-terminu prefiss mill-ligi mid-data tal-ghoti tad-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civli li permezz taghha l-attrici kienet giet awtorizzata tipprocedi gudizzjarjament sabiex totjeni separazzjoni minn mal-konvenut.

2. Preliminarjament ukoll, l-irritwalita` tac-citazzjoni *stante* illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut biex ihallas retta alimentari

ghaliha u ghal uliedha minuri minghajr ma l-attrici qieghda tidher f'din l-istess istanza bhala kuratrici *ad litem* tal-istess ulied minuri.

3. Preliminarjament ukoll, l-irritwalita` u n-nullita` tac-citazzjoni promotorja *stante* illi gie ezebit ic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti u lanqas id-Digriet moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Numru 1455/97) fis-27 ta' Novembru 1997.

4. Fil-mertu, iz-zwieg *de quo* tfarrak irrimedjabbilment unikament tort tal-attrici minhabba eccessi w ingurji gravissimi *da parte* taghha u minhabba relazzjoni adultera u extra-matrimonjali li fiha l-attrici tinsab sal-lum ma' persuna li sahansitra qieghed tghix u torqod fid-dar matrimonjali tal-kontendenti fejn jghixu wkoll l-ulied minuri.

5. Illi ghaldaqstant it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 tal-process.

Rat li b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 2 ta' Marzu 1999 din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghal-14 ta' Mejju 1999.

Rat il-verbali tal-14 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti diversament presjeduta nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Greta Agius biex tigbor il-provi, tal-14 ta' Ottubru 1999, tas-16 ta' Marzu 2000, tad-9 t'Ottubru 2000, 12 ta' Frar 2001 u tal-15 ta' Gunju 2001 fejn il-kawza dejjem giet differita mill-Qorti diversament presjeduta sabiex jingabru l-provi mill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Greta Mifsud Aguis.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-18 ta' Frar 2000, fejn talab li l-Qorti tvarja d-digriet u tbiddel id-digriet numru 1455/97 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 1977 billi joghgobha taffida l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri lill-esponent, tordna illi jkun l-esponent li

flimkien mal-ulied minuri jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali u taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti l-ohra kollha li jidhrilha li jkunu xierqa w opportuni fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet tal-1 ta' Marzu 2000 fejn ordna n-notifka lill-kontro-parti b'erba' t'ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici tas-27 ta' Marzu 2000.

Rat ir-rikors tat-18 ta' Mejju 2000 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-11 t'Ottubru 2000.

Rat il-verbali tal-11 t'Ottubru 2000, tat-12 t'Ottubru 2000, tad-9 ta' Jannar 2001 u tal-20 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti diversament presjeduta *in vista* tal-verbali precedentement moghtija minnha u b'rizultat ta' dan in-nuqqas ta' nteress tal-konvenut rikorrent fir-rikors odjern, il-Qorti cahdet it-talba tieghu bl-ispejjez.
Rat il-verbali ta' l-istess Qorti diversament presjeduta tal-25 ta' Settembru 2001, tat-23 ta' Jannar 2002, u tat-12 t'April 2002 fejn fl-ahhar data b'ordni tal-Qorti diversament presjeduta din il-kawza giet differita sabiex tibda tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u dan ghat-3 ta' Ottubru 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-17 ta' Mejju 2002 fejn talab lil Qorti biex tiddikjara l-provi attrici maghluqa u tordna lill-Assistent Gudizzjarju biex izomm zewg (2) seduti ghall-konkluzjoi tal-provi tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti kif attwalment presjeduta tas-17 ta' Mejju 2002 fejn ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Greta Mifsud Agius biex fix-xahar ta' Mejju 2002/Gunju 2002 tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha attrici, f'liema seduti l-Qorti ghandha tkun infurmata mill-Assistent Gudizzjarju permezz ta' nota fi zmien seba' (7) t'ijiem mill-lum, u wara l-istess seduti l-provi tal-attrici qed jigu ddikjarati minn issa bhala maghluqa u l-Assistent Gudizzjarju ghandha tghaddi biex tisma' l-provi tal-konvenut.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju tat-30 ta' Mejju 2002 fejn informat lill-Qorti li gew iffisati zewg seduti ghall-

konkluzjoni provi attrici ghal-21 ta' Gunju 2001 u 28 ta' Gunju 2001 u dan ghall-provi kollha attrici skond kif ordnat fid-digriet tat-30 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal tat-3 ta' Ottubru 2002 fejn dehret biss l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Greta Mifsud Agius u nghata digriet tal-affidavit tal-konvenut ta' tlettin (30) jum u l-Qorti ordnat ukoll lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut fil-mori tad-differiment u tirritorna l-process. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-6 ta' Marzu 2003.

Rat ir-rikors tal-Assistent Gudizzjarju tad-9 t'Ottubru 2002 fejn infurmat lill-Qorti li l-esponenti mhix f'posizzjoni li tkompli tiehu konjizzjoni tal-kaz peress li permezz ta' ittra datata **26 ta' Settembru 2002** hija giet infurmata mill-Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali li l-impjieg taghha bhala Assistent Gudizzjarju kien gie terminat b'effett mit-30 ta' Settembru 2002.

Rat id-digriet tal-10 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr. Greta Mifsud Agius bhala Assistenta Gudizzjarja u fl-istess hin appuntatha bhala Perit Legali fil-kawza in kwistjoni a spejjez provizorjament attrici.

Rat in-nota tal-konvenut **B** tal-1 ta' Novembru 2002 fejn prezenta l-affidavit tieghu stess datat 29 ta' Ottubru 2002 flimkien ma xi dokumenti (fol 32 sa 51) u t'ommu **Carmen Deguara** datat 29 ta' Ottubru 2002 (fol 31).

Rat il-kuntratt ta' akkwist tal-fond 39, Alley 1, Mtarfa Road, Mtarfa limiti tar-Rabat, Malta, mixtri fuq isem l-attur b'kuntratt datat 15 ta' April 1991 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela esebit a fol. 32 tal-process;

Rat il-kuntratt datat 27 ta' Awissu 1984 fl-atti tan-Nutara Myriam Spiteri Debono a fol. 37 tal-process fejn l-konvenut akkwista l-fond Flat 2, Building "C" Housing Estate, Belt il-Gmiel l-Imtarfa u kuntratt datat 18 ta' Ottubru 1994 (fol.45) fl-atti ta' l-istess Nutar ghall-bejgh tal-gnien u l-bitha ta' wara annessi mal-*flat* appena deskritt kollox skond l-istess kuntratt u fl-ahharnett il-

kuntratt ta' fidi ta' cens datat 18 ta' Ottubru 1994 fuq l-istess gnien u bitha (fol.33 tal-process).

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-25 ta' Marzu 2003, u xi dokumenti hemm prezentati (fol 56 sa 60), u fejn talab li jressaq xi provi godda u li gew a konoxxenza tieghu wara l-eghluq tal-provi tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Marzu 2003 fejn ordnat lill-konvenut biex b'nota fi zmien jumejn jindika xi provi qed jalludi ghalihom bi preciz u ordnat in-notifika tar-rikors, digriet u nota lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta

Rat il-verbali l-ohra kollha w *in vista* ta' l-istess verbali quddiem l-Assistant Guduzzjarja u l-Perit Legali u n-nota tal-konvenut datata 21 ta' Mejju 2003 tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess, fis-sens li jirrizulta mil-atti tal-kawza li l-konvenut effettivament ressaq dawk il-provi kollha li htieglu li jressaq u li jinsabu fil-process, u wkoll *in vista* tad-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut datata 9 ta' Dicembru 2002 quddiem Dr. Greta Mifsud Agius (fol. 75) u *in vista* tal-fatt li tali provi u dokumenti saru bla ebda opposizzjoni mill-parti l-ohra u din il-Qorti ser tiehu konjizzjoni ta' l-istess f'din is-sentenza, kif jidher u rrizulta li ghamlet il-Perit Legali fir-rapport taghha.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja u wara l-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius datati 31 ta' Mejju 2000 fejn ma sar xejn; tat-8 ta' Frar 2001 fejn il-partijiet debitament assistiti qablu li l-kura u l-kustodja ta' l-ulied dak in-nhar minuri kellhom jigu fdati f'idejn l-omm bi dritt ta' access *verso* l-konvenut:-

(a) ghal tlett gimghat, kull nhar ta' Erbgha bejn it-3.00p.m. u l-4.00p.m. jew f'gurnata ohra fost il-gimgha kif jigi miftiehem bejn il-partijiet u kull nhar ta' Sibt u kull nhar ta' Hadd bejn l-10.00a.m. u s-6.00p.m.

(b) fir-raba' gimgha nhar l-Erbgha bejn it-3.00p.m. u l-5.30p.m. jew f'gurnata ohra li tigi miftiehma bejn il-partijiet, filwaqt li fil-*weekend* it-tfal ikunu ma' l-omm.

(c) dwar manteniment, il-partijiet ukoll ftehmu illi sakemm il-konvenut jibqa' bla impjieg, m'ghandux jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu filwaqt li l-*"partijiet iddikjaraw ukoll illi ddekadew reciprokament mid-dritt li jircievu jew jaghtu manteniment lil xulxin".*

(d) Illi l-partijiet qablu wkoll illi l-provi f'din il-kawza ser jigu limitati ghall-kwistjoni tal-konsistenza u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat il-verbali l-ohra quddiem l-istess Dr. Greta Mifsud Agius inkluz dak tal-20 ta' Marzu 2001 fejn ma sar xejn; tal-21 ta' Gunju 2001 fejn Dr. Clarke esebiet biss tlett dokumenti dwar l-allegata konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti mmarkati bhala Dok. "JD 1" sa Dok. "JD 3" minn fol. 70 sa fol. 73 tal-process u fejn l-attrici ddikkjarat li dwar konsistenza ta' l-assi tal-komunjoni ma' kellhiex iktar provi; tat-23 ta' Jannar 2002 fejn sar biss verbal; 26 ta' Marzu 2002 fejn ma sar xejn; 15 ta' Mejju 2002 fejn sar biss verbal ta' Dr. Chris Cilia; 9 ta' Dicembru 2002 fejn Dr. Chris Cilia kien qal li kien pprezenta zewg affidavits tal-konvenut u ta' ommu flimkien ma' nota b'dokumenti u ddikjara li ma ghandux provi izjed; tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn il-partijiet iddikajaraw li ma ghandhomx izjed provi w awtorizzaw lill-Perit Legali sabiex tirrelata (fol. 76).

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2003 fejn deher biss Dr. Chris Cilia ghall-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut tal-21 ta' Mejju 2003 (fol 63) fejn *in ottemporanza* mad-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Marzu indika l-provi li qed jalludi ghalihom.

Rat il-verbali is-seduti mizuma mill-Perit Legali (fol 65 sa 88) kemm dattilografati u kemm in iskritt.
Rat il-verbali quddiem din il-Qorti tas-7 t'Ottubru 2003 fejn dehru l-partijiet u il-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius infurmat lill-Qorti li kienet ser tipprezenta r-rapport taghha dak in-nhar stess tas-seduta u l-kawza giet differita ghall-hlas tar-rapport ghad-19 ta' Novembru 2003; tad-19 ta' Novembru 2003 fejn Dr. Fiorella De Marco assumiet il-

patroncinju tal-konvenut; tal-11 ta’ Frar 2004; tas-6 ta’ Mejju 2004 fejn Dr. Greta Mifsud Agius informat lill-Qorti li kienet ghadha ma thallsitx u l-Qorti ordnat li prevja l-hlas tal-Perit Legali ghad-drittijiet taghha skond il-ligi l-kawza tmur *sine die.*

Rat ir-rikors tal-konvenut tad-9 ta’ Lulju 2004 fejn talab li l-kawza terga’ titqieghed fuq il-lista ghas-smiegh biex tkompli tigi trattata u deciza prevja kull provediment li l-Qorti joghgobha taghti b’kaz li l-attrici tibqa’ inadempjenti fil-hlas tar-rapport.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-14 ta’ Lulju 2004 fejn ordnat lill-konvenut jindika jekk hux ser ihallas ir-rapport huwa u dan b’nota fi zmien ghaxar t’ijiem mill-lum.

Rat li l-konvenut ma segwiex l-istess rikors u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess rikors u dan anke kif verablizzat fis-seduta tat-22 ta’ Frar 2005.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-4 t’Awissu 2004 fejn talbet lil Qorti tirriappunta l-kawza fl-ismijiet premessi u dan wara li l-attrici ddikjarat li hallset lill-Perit Legali.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim’ Imhallef Vincent A. De Gaetano tas-6 t’Awissu 2004 fejn ordna li l-kawza tigi rriappuntata ghas-smiegh ghat-Tlieta 22 ta’ Frar 2005.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Frar 2005 fejn Dr. Greta Mifsud Agius halfet ir-rapport, *in vista* ta’ dak verbalizzat il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikorsi tad-9 ta’ Lulju 2004 tal-konvenut u tal-25 ta’ Marzu 2003. Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghas-16 ta’ Gunju 2005.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius pprezentat fis-7 ta’ Ottubru 2003 u mahluf fit-22 ta’ Frar 2005 (fol 104 sa 110 tal-process).

Rat in-nota tal-konvenut tat-13 ta’ Gunju 2005 fejn fiha ghadda xi osservazzjonijiet dwar ir-rapport tal-Perit Legali u prezenta dokument.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Gunju 2005 fejn deher il-konvenut assistit minn Dr. Fiorella Camilleri Demarco li obbligat ruhha li fi zmien seba’ t’ijiem mid-data ta’ l-istess seduta tghaddi kopja tas-sottomissjonijiet tal-konvenut lid-difensur tal-kontroparti, li fi zmien 40 gurnata ghandha tipprezenta nota responsiva. Dr. Fiorella Camilleri Demarco inghatat il-fakolta` li tipprezenta replika ghan-nota responsiva tal-attrici fi zmien erbghin (40) gurnata min-notifika lilha tal-istess nota. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' Novembru 2005 ghas-sentenza in *difett' ostacolo*.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) XHIEDA PRODOTTI

Illi **l-attrici ADeguara**, fis-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2001 esebiet prospett tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li identifikat bhala s-segwenti:-

(a) Assi matrimonjali u cioe` flat 2, Block C, Mtarfa li nxtrat fis-27 ta’ Awissu, 1984 permezz ta’ kuntratt li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Miriam Spiteri Debono ghal prezz ta’ Lm2,250.

(b) Il-fond 39, Mtarfa Road, Mtarfa li nxtara fil-15 ta’ April, 1991 permezz ta’ kuntratt li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Abela u li prezentement fih qed toqghod omm l-attrici Celia Hughes.

(c) Ghamara u mobbli ohra li kollha jinstabu fid-dar matrimonjali.

(d) Il-vettura li prezentement tinstab fil-pussess tal-konvenut.

Djun

(e) Bhala djun hemm *loan* mal-Lohombus (illum HSBC Home Loans Malta Ltd) ta' Lm850 li qeghdin jithallsu b'Lm8.50 fix-xahar.

(f) Is-somma ta' Lm8,133 dovuta lill-omm l-attrici Celia Hughes.

Illi l-attrici tistqarr illi dan l-ammont ta' Lm8,133 kien gie trasferit minn ommha, direttament gol-kont tal-konvenut mal-HSBC Bank Malta plc li jgib in-numru 584130466. Dawn il-flus imbaghad intuzaw sabiex inxtara l-post tal-Mtarfa (Dok. "JD2-3").

Illi l-attrici tghid ukoll illi l-konvenut ilu dizokkupat ghal l-ahhar sitt snin minn mindu abbanduna d-dar matrimonjali fis-27 ta' Settembru, 1996 u daqshekk ilha thallas il-pagamenti mensili tal-*loan* ezistenti fuq id-dar.

Illi l-attrici tistqarr ukoll illi hi baqghet tiehu hsieb u thallas ghall-bzonnijiet tal-minuri.

Illi l-attrici tistqarr *inoltre*, illi l-mobbli kollha li jinsabu fil-fond 39, Mtarfa Road, Mtarfa, huma ta' ommha.

Illi **l-konvenut B** jispjega illi hu u l-attrici kienu zzewgu fit-30 ta' Settembru, 1982 u minn dan iz-zwieg twieldu erba' t'itfal, Jason, illum maggorenni, Jordan ta' 15-il sena, Jeremy ta' 13-il sena u Julian ta' 11-il sena.

Illi l-konvenut jispjega kif f'xi zmien kellu jigi rikoverat l-isptar peress illi kellu *encephylitis*. Jispjega illi hafna mill-problemi fiz-zwieg taghhom bdew f'dan il-perjodu fejn dam rikoverat l-isptar.

Illi meta hareg mill-isptar, il-konvenut jistqarr illi l-mara tieghu kellha relazzjoni ma' certu Leli Pisani. Minhabba din ir-relazzjoni, l-attrici kienet bdiet titraskura lill-konvenut

tant li kienu jiggieldu kontinwament. Kien ghalhekk li kellu jitlaq mid-dar u jmur joqghod ma' ommu, fejn ghadu sa' llum.

Illi l-konvenut jispjega illi llum l-attrici ghandha relazzjoni ma' certu Simon Fenech li huwa izghar minnha sew. Dan Fenech jistqarr qed jghix id-dar matrimonjali flimkien mal-attrici u ma' wliedu. Tant hu hekk illi d-dar jisimha "SimJan" ghal "Simon" u "Jane".

Illi l-konvenut jispjega illi huwa dizokkupat u jghix mill-beneficcju socjali li jircievi kull erba' gimghat. Ighid li anki l-attrici tircievi r-*relief* kif ukoll tircievi c-*children's allowance* u l-ghajnuna tal-familja.

Illi l-konvenut jistqarr illi huwa ma jhallasx manteniment, izda hu, kif ukoll ommu jaraw kif jistghu jghinu lit-tfal.

Illi l-konvenut jiddikjara illi prezentement jara lill-minuri tlett *weekends* kull xahar u cioe` s-Sibt u l-Hadd u darb'ohra fost il-Gimgha.

Illi madankollu, jispjega illi llum it-tfal qed jikbru u gieli jkunu jridu jmorru jaraw lill-ommu u cioe` nannithom, izda l-attrici ccahhadhom minn dan u din hija kattiverja.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenut jispjega illi huma ghandhom zewg postijiet taghhom u cioe`:

(a) il-post Flat 2, Block BGC, Mtarfa fejn tghix l-attrici ma' Simon Fenech u t-tfal; u

(b) 39, Triq l-Imtarfa, Mtarfa li qabel kienet tghix fih omm l-attrici, izda llum jinstab vojt.

Illi l-konvenut jispjega illi sa' fejn jaf hu m'hemm xejn izjed fil-komunjoni tal-akkwisti.

Illi l-konvenut jipproponi l-likwidazzjoni billi l-attrici tibqa' tghix fid-dar fejn qed tghix prezentement u hu jzomm il-post 39, Triq l-Imtarfa, Mtarfa, la darba llum jinsab vojt

sabiex ikollu post fejn jilqa' lill-uliedu, sakemm din il-Qorti ma tafdalux il-kura u kustodja taghhom.

Ill l-konvenut jispjega wkoll illi ghandu jinghata l-kura u kustodja tal-minuri, minhabba li l-attrici tghix ma' ragel iehor, kif ukoll minhabba l-fatt li titraskurahom u sahansitra gieli kien hemm drabi meta lanqas tathom *lunch* ghall-iskola.

Illi x-xhud **Carmen Deguara** hija omm il-konvenut.

Illi x-xhud tispjega illi l-konvenut kien marid serjament b' "encyphylitis" u kien ghamel zmien twil fl-ITU l-isptar. Tispjega illi wkoll meta mar lura d-dar kien baghtut fizikament.

Illi kien f'dan iz-zmien tispjega omm il-konvenut, illi l-attrici kellha relazzjoni ma' haddiehor, certu Leli Pisani. Dan kien jidhol id-dar ghandhom f'dan iz-zmien. Fil-fatt tistqarr illi darba marret ghand it-tifel u sabet lil dan Pisani fuq is-sufan, u meta staqsiet lill-attrici dan x'kien qed jaghmel hemm, bdiet tghajjat maghha.

Illi omm il-konvenut tispjega illi mbaghad it-tifel taghha u l-attrici kienu bdew jiggieldu ta' sikwit u kien ghalhekk li kien telaq mid-dar u mar jghix maghha.

Illi x-xhud tistqarr illi llum taf li l-attrici ghandha relazzjoni ma' Simon Fenech li huwa izghar minnha u li joqghod maghha u mat-tfal minuri.

Illi x-xhud issemmi incident fejn darba l-konvenut kien jittardja biex jirritorna lit-tfal wara l-hin tal-access u l-attrici u dan Fenech kienu marru d-dar taghha u fost hafna tghajjir u theddid kienu mbuttaw il-bieb, dahlu ghandha u qatghulha l-*meter* tal-dawl.

Illi omm il-konvenut tikkonferma illi l-konvenut ma jahdimx u jghix mir-*relief*.

Illi omm il-konvenut tistqarr illi l-attrici hija traskurata mat-tfal u ma tantx tiehu hsiebhom u hafna drabi jmorru l-

iskola bla ikel. Fil-fatt il-konvenut imur u johdilhom il-panini l-iskola.

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi din il-Qorti tinnota li f'din il-kawza in generali hemm skarsezza ta' provi u fil-fatt din il-kawza damet ghaliex jidher li l-partijiet kienu traskurati bil-mod kif resqu l-provi taghhom; dan jidher li sar peress li hemm certu qbil bejn il-partijiet dwar certu talbiet fic-citazzjoni attrici u jidher li l-unika divergenza li kien hemm bejn il-partijiet kienet biss dwar kif kellha tinqasam il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi dwar l-ewwel talba attrici jidher li hemm kaz li din it-talba tigi milqugha izda mhux ghar-ragunijiet migjuba mill-attrici li infatti ma gabet prova ta' xejn dwar l-istess izda ma hemm l-ebda dubju li llum il-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba inkompatibbilita` ta' karattru; jidher ukoll mill-provi li llum l-attrici tghix ma' persuna ohra u wkoll hemm ragunijiet wkoll sabiex l-istess konvenut jiddekadi mid-dritt ta' manteniment minghand l-attrici tant li l-istess partijiet fis-seduta tat-8 ta' Frar 2001 hemm verbalizzat quddiem Dr. Greta Mifsud Agius *"li partijiet iddikjaraw ukoll illi ddekadew reciprokament mid-dritt li jircievu jew jaghtu manteniment lil xulxin".* Ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha f'dan is-sens abbazi ta' dak indikat.

Illi b'riferenza ghat-tieni u t-tielet talba attrici l-kontendenti waslu ghal ftehim bejniethom u dan kif hemm verbalizzat fis-seduta quddiem Dr. Greta Mifsud Agius tat-8 ta' Frar, 2001 u dan fis-sens li:-

(a) Il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata lill-attrici, filwaqt illi l-konvenut ghandu jkollu access ghal tlett gimghat, kull nhar ta' Erbgha bejn it-3.00p.m. u l-4.00p.m. jew f'gurnata ohra fost il-gimgha kif jigi miftiehem bejn il-partijiet u kull nhar ta' Sibt u kull nhar ta' Hadd bejn l-10.00a.m. u s-6.00p.m.

(b) Fir-raba’ gimgha nhar l-Erbgha bejn it-3.00p.m. u l-5.30p.m. jew f’gurnata ohra li tigi miftiehma bejn il-partijiet, filwaqt li fil-*weekend* it-tfal ikunu ma’ l-omm.

(c) Dwar manteniment, il-partijiet ukoll ftehmu illi sakemm il-konvenut jibqa’ bla impjieg, m’ghandux jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ uliedu.

(d) Illi l-partijiet qabblu wkoll illi jiddekadu reciprokament mid-dritt li jircievu jew jaghtu manteniment lil xulxin u b’hekk jidher li l-istess partijiet irrinunjzaw ghat-talba ta’ manteniment kontra xulxin.

Illi dwar r-raba’ talba attrici l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha tigi ddikjarata xolta b’effett mis-27 ta’ Awissu 1997 u f’dan il-kuntest jidher illi l-partijiet ghandhom biss bazikament zewg proprjetajiet immobbli bhala formanti parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li huma:-

(a) Id-dar matrimonjali u cioe` Flat 2, Building “C”, Government Housing Estate, Mtarfa; u

(b) Il-fond 39, Mtarfa Road, Mtarfa

Illi din il-Qorti thoss li kemm minhabba dak li sostniet il-Perit Legali fir-relazzjoni taghha nkluz li ma hemm l-ebda dubju li l-istess attrici kkontribwiet ghal dan it-tifrik taz-zwieg id-divizjoni ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha ssir fis-sens li l-fond Flat 2, Building “C” Housing Estate, Belt il-Gmiel l-Imtarfa bil-gnien u l-bitha mieghu ghandhom jigu assenjati lill-attrici, b’dan li l-attrici ghandha tibqa’ responsabbli unikament ghad-debitu ezistenti ma’ l-HSBC Home Loans Malta Ltd jew kull dejn iehor gravanti l-istess fond u wkoll li thallas is-servizzi kollha konnessi ma’ l-istess fond *stante* li kienet hija li qed tghix fih bl-eskluzzjoni tal-konvenut.

Illi min-naha l-ohra l-fond 39, Mtarfa Road, Mtarfa qed jigi assenjat lir-ragel.

Illi jirrizulta li hemm dejn tal-komunjoni ta’ Lm8,133 favur omm l-attrici Cecilia Hughes, mill-liema ammont

ghandhom l-ewwel jitnaqqsu l-ammonti dovuti ghall-hlasijiet ta' dawl u ilma pendenti fuq l-istess post sakemm l-istess Cecilia Hughes harget mill-istess fond u dan kollox skond kif indikat minn Dok. "B" a fol 57 sa 60 tal-process, u dawn l-ammonti jinzammu mill-konvenut sabiex ihallas tali dejn, u wkoll titnaqqas is-somma ta' Lm1,500 li qed tigi iffisata *arbitro boni viri* sabiex tigi rrangata mill-konvenut il-hsara li thalla fih l-istess fond meta gie disokkupat minn omm l-attrici, b'dan li tali ammont ta' Lm1,500 ghandu jitnaqqas minn sehem l-attur mill-istess dejn, b'dan ghalhekk li l-attrici ghandha thallas lill-ommha nofs l-ammont fuq imsemmi li ghalhekk jammonta ghall-Lm4,066.50; mentri l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' Lm2,405.52 (Lm4,066.50 – Lm160.90 u Lm1,500 = Lm2,405.52) , b'dan ghalhekk li l-ammonti hawn indikati ta' Lm160.90 u Lm1,500 qed jigu pacuti bejn il-konvenut u Cecilia Hughes ghar-ragunijiet fuq indikati.

Illi dwar il-mobbli u l-ghamara li jinstabu fid-dar matrimonjali dawn ghandhom jigi assenjati lill-attrici u dan in anke *in vista* tal-fatt li kienet hija li halset anke fil-mori parti mid-dejn mal-bank fuq dik li kienet id-dar konjugali u wkoll *in vista* tal-fatt li l-konvenut ilu almenu minn 1996 ma jmantni lill-uliedu u ghalhekk dan qed issir anke b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 u 54 (6)** kontra l-konvenut; ghal kull *buon fini* l-**artikolu 48** qed jigi applikat ukoll kontra l-attrici. Mill-bqija kull parti ghandha izzomm dawk il-mobbli l-ohra kollha li jinsabu fil-pussess taghha jew tieghu.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *stante* li llum il-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba inkompatibbilita` ta'

karattru; jidher ukoll mill-provi li llum l-attrici kkomettiet adulterju u anke *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-partijiet fis-sens li ammettew li huma ddekadew mid-dritt ta' manteniment kontra xulxin kif fuq indikat din it-talba ghandha tigi milqugha abbazi ta' dak indikat.

2. Tafda l-kura u kustodja tat-tfal tal-kontendenti, li ghadhom illum minuri, u dan fis-sens kif miftiehem bejn il-partijiet fis-sens u kif fuq indikat b'dan li tali kura u kustodja ghandha tibqa' f'idejn l-attrici bis-segwenti dritt ta' access ta' l-istess minuri f'idejn il-konvenut u cjoe`:-
(a) Illi l-konvenut ghandu jkollu access ghal tlett gimghat, kull nhar ta' Erbgha bejn it-3.00p.m. u l-4.00p.m. jew f'gurnata ohra fost il-gimgha kif jigi miftiehem bejn il-partijiet u kull nhar ta' Sibt u kull nhar ta' Hadd bejn l-10.00a.m. u s-6.00p.m.

(b) Illi fir-raba' gimgha nhar l-Erbgha bejn it-3.00p.m. u l-5.30p.m. jew f'gurnata ohra li tigi miftiehma bejn il-partijiet, filwaqt li fil-*weekend* it-tfal ikunu ma' l-omm.

(3) Illi dwar it-tielet talba attrici dwar il-manteniment tal-minuri jirrizulta li l-konvenut ma huwiex okkupat u allura ma ghandu jhallas l-ebda manteniment ghall-minuri; Illi dwar manteniment ta' l-attrici l-istess attrici tilfet kull dritt ta' manteniment skond kif minnha ammess u wkoll bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront taghha; ghal kull effett u *buon fini* tal-ligi jigi ddikjarat li l-istess **artikolu 48 tal-Kap 16** qed jigi applikat kontra l-istess konvenut anke *in vista* tal-fatt li huwa stess iddikjara li hemm ragunijiet ghaliex huwa ddekada mid-dritt ta' manteniment.

4. Tilqa' din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mis-27 ta' Awissu 1997.
5. Tilqa' din it-talba u tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet *arbitro boni viri* u ghar-ragunijiet premessi b'dan:-
(a) Illi din il-Qorti tordna li l-fond Flat 2, Building "C" Housing Estate, Belt il-Gmiel l-Imtarfa bil-gnien u l-bitha mieghu ghandhom jigu assenjati lill-attrici, b'dan li l-attrici

ghandha tibqa’ responsabbli unikament ghad-debitu ezistenti mal-HSBC Home Loans Malta Ltd jew kull dejn iehor gravanti l-istess fond u wkoll ghall-hlas tas-servizzi kollha konnessi ma’ l-istess fond, inkluzi dawl, ilma u telefon u *stante* li kienet hija li qed tghix fih bl-eskluzzjoni tal-konvenut, b’dan ukoll li l-attrici ghandha thallas is-sehem taghha mid-dejn minnha msemmi lil ommha Cecilia Hughes fl-ammont ta’ Lm4,066.52.
(b) Illi din il-Qorti tordna li l-fond 39, Mtarfa Road, Mtarfa ghandu jigi assenjat lill-konvenut b’dan li minhabba r-ragunijiet premessi u kawza ta’ dak indikat f’din is-sentenza l-konvenut ghandu jhallas biss is-somma ta’ Lm2,405.52 lil Cecilia Hughes bhala s-sehem tieghu tal-hlas ta’ l-istess dejn lill-imsemmija Cecilia Hughes.

(c) Illi dwar il-mobbli u l-ghamara li jinstabu fid-dar matrimonjali dawn ghandhom jigi assenjati lill-attrici u dan minhabba dak kollu indikat f’din is-sentenza nkluz bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 u 54 (6)** kontra l-konvenut; ghal kull *buon fini* l-**artikolu 48** qed jigi applikat ukoll kontra l-attrici. Mill-bqija kull parti ghandha zzomm dawk il-mobbli u l-assi l-ohra kollha li jinsabu fil-pussess attwali taghha jew tieghu.

6. Tilqa’ t-talba biss fis-sens li tapplika kontra z-zewg partijiet l-effetti kontemplati fl-**artikoli 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------